# FLOTTA MIRBUHA

In-nar ma nfetaħx minn ġos-swar li qed jgħassu
Dil-Gżira mhejjija sa ruħha għall-ġlied,
Le, ebda suldat w ebda baħri ma tniffes,
Xħin waslet il-flotta tal-għadu qerried.

Fil-ħemda tal-lejl, fid-dawl safi tal-qamar,
Taħt sema li jiddi bi kwiekeb henjin,
Fuq baħar imbewwes minn żiffa sajfija,
Bla ħoss, bla taqbid, dehru siekta ġejjin.

Ifiġġu mix-xefaq, u rieska bil-lajma,
Jitkarkru kemm bħal min safa' miġruħ,
Iġ-ġfien, darba mkabbra, l-lum ħiemda w telliefa,
Bla setgħa, bla ħajja, bħal ġisem bla ruħ.

Fi ħdan ix-xtut tagħna — fejn snin u snin ilu
San Pawl ra l-ħelsien mit-taqliba tar-rjieħ —
Fittxew il-kenn tagħhom, u daħlu jistrieħu....
Wissellmu bħal ħbieb, il-mirbuħ wir-rebbieħ.

In-nar ma nfetaħx minn ġo ħluq il-kanuni,
Imxennqa, mikluba għatxiena għad demm,
X'kien jiswa fis-siegħa tar-Rebħa niftakru
F'min żera' hawn fostna l-mibegħda wis-semm

Għalhekk meta xirfet il-flotta tal-għadu
Fuq baħar imdawwal taħt qamar sabiħ,
Lil Malta sabitha bil-ferħ ġewwa qalbha,
Bir-randa tar-rebħa, bil-glorja tal-ġieħ.

*Guzè Chetcuti*

# BLA QALB

**HRAFA**

(In-nies imsemmija f'din il-hrafa ma jezistux imma huma biss immaginazzjoni tal-kittieb).

Vitor, Maltija ta' l-Eġittu, kienet tfajla fuq ruħha mill-aktar, ta' ġmiel li ma bħalu, u fl-aħjar ta' ħajjetha. Kienet tfajla timxi mal-moda, ticcajta ma' kulħadd u dħulija għall-aħħar.

Bosta kienu dawk il-ġuvintur li ġġennu wara ġmielha, għaliex kienet tassew warda maltija; iżda bħalma kull warda fiha x-xewk fiz-zokk, hekk ukoll Vitor kellha l-ħażin tagħha.

Wild omm u missier maltin sa ruħ ommhom, ħadd kien għadu qatt ma sama' 'l Vitor titkellem bil-Malti, mhux għaliex ma kinetx taf, iżda għaliex kienet tbati b'dak li l-Ingliżi jgħidulu «Inferiority Complex». Billi l-Malti hu ġens żgħir, kienet tistħi tgħid li hi maltija, u għalkemm kunjoma kien BUTIĠIEĠ li jixhed wisq car x'nisel hi, dejjem stqarret bla ma ħmaret bi dnubha li hi Franciża jew Taljana, kif kien ikun jaqblilha.

Għalkemm kien hemm ġuvintur Maltin bil-għaqal u li għandhom xogħol tajjeb li talbuha tiżżewwiġhom hija dejjem wieġbet le għaliex la darba kienet caħdet lil Malta tagħha, ma sata' qatt ikun li tiżżewweġ Malti, iżjed u iżjed meta dawn il-ġuvintur li semmejna kienu Maltin minn qalbhom u qatt ma kienu se jħallu 'il marthom titkellem b'ilsien ieħor jekk mhux il-Malti.

Biex iżjed taqgħad Vitor tilfet għaqalha fuq daqsxejn ta' sabi Taljan ma jagħmel xejn u li aktarx kien għal warajha minħabba ġidha għaliex missierha kellu xi sold sewwa.

Il-missier u l-omm għalkemm xejn ma kienu Maltin kif għandhom ikunu, għaliex kieku qatt ma kienu jrabbu lil binthom mistħija li hi wild ġenshom, ma tantx ħadu gost b'dan in-namur ta' binthom mat-Taljan, l-iżjed għaliex kien bla xogħol.

Imbagħad meta l-Italja daħlet fil-gwerra u bdiet taħbat għal Malta bl-ajruplani tagħha, tkisser djar u knejjes, u toqtol nisa u tfal, bħal stħaw minn kulħadd li binthom kienet sejra titħallat ma' ġens li hu għadu tagħna. Iżda huma kienu rabbew lil Vitor ħażin wisq għaliex kienu jikkuntentawha f'kollox u għalhekk meta hi żammet iebes li